

Brussell, 22 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9127/1/25
REV 1

AGRI 202
AGRIFIN 51
AGRISTR 21
AGRIORG 59
ENV 369
POLCOM 95

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Komunikazzjoni dwar Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel
- *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Bil-ħsieb tad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Agricoltura u Sajd) tas-26 ta' Mejju 2025, l-anness għal din in-nota fih is-sommarju tal-Presidenza tad-diskussjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mid-delegazzjonijiet.

Diskussjoni tal-Kunsill dwar il- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: "Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri"

- Sommarju tal-Presidenza tad-diskussjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mid-delegazzjonijiet

– Introduzzjoni

Fid-19 ta' Frar 2025 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Komunikazzjoni tagħha "Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel" (dokument ST 6385/25), sett ta' riflessjonijiet dwar il-ġejjieni tal-agricoltura u tal-ikel fl-Unjoni Ewropea (UE).

Il-Presidenza Pollakka kellha sensiela ta' diskussjonijiet miftuħa u mingħajr restrizzjonijiet dwar il-Viżjoni, bl-għan li l-Istati Membri jingħataw l-opportunità li jipprovdu l-valutazzjoni, l-opinjonijiet u l-proposti tagħhom dwar l-oġettivi u s-soluzzjonijiet ippreżentati fil-Viżjoni. Fil-fehma tal-Presidenza, tali diskussjoni hija element essenzjali tad-djalogu dwar il-futur tal-agricoltura Ewropea u l-politika agrikola Ewropea.

Il-Viżjoni ġiet diskussa mill-Kunsill AGRIFISH fil-laqgħat tiegħu tal-24 ta' Frar 2025 u l-24 ta' Marzu 2025, li matulhom il-ministri taw mandat lill-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura (KSA) biex jiddiskuti l-Viżjoni fid-dettall. Sussegwentement, il-Viżjoni ġiet diskussa matul erba' laqgħat tal-KSA, li saru fil-31 ta' Marzu, fis-7 ta' April, fit-28 ta' April u fil-5 ta' Mejju 2025.

Il-Presidenza ffukat id-diskussjoni permezz ta' mistoqsijiet dwar l-erba' oġettivi prijoritarji tal-Viżjoni u l-oġettiv orizzontali (il-mistoqsijiet huma inklużi fl-Anness 1).

B'kont meħud tal-iżvilupp ta' din id-diskussjoni, il-Presidenza tippreżenta s-sommarju li ġej relatat mad-diskussjoni dwar il-Viżjoni, u rakkomandazzjonijiet dwar il-verifika rurali, u titlob lill-Kummissjoni tqishom fil-ħidma tagħha dwar il-proposti legali li jmiss għall-Politika Agrikola Komuni lil hinn mill-2027.

– **Kummenti ġenerali**

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntlagħhet b'mod pożittiv talli qiegħdet is-sigurtà tal-ikel fil-qalba tal-Viżjoni

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri wiegħbu b'mod pożittiv għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel, u qablu ma' ħafna mill-objettivi u l-proġetti tagħha. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-fatt li s-sigurtà tal-ikel u l-produzzjoni agrikola kienu tqiegħdu fil-qalba tal-Viżjoni. Huma rrimarkaw li d-dokument fih soluzzjonijiet li huma bażi tajba biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel fl-Ewropa, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-agricoltura Ewropea.

Id-djalogu mal-bdiewa huwa essenzjali għad-diskussjoni dwar il-futur tal-PAK u l-agricoltura

L-enfasi tal-Viżjoni fuq il-ħtieġa għal djalogu mal-bdiewa fid-diskussjoni ta' soluzzjonijiet futuri tqieset b'mod pożittiv. Xi delegazzjonijiet innotaw li d-dokument irrifletta t-tħassib tal-bdiewa u indirizza wkoll il-kummenti li saru mill-partijiet ikkonċernati, u mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu dwar Politika Agrícola Komuni ffukata fuq il-bdiewa għal wara l-2027 (dokument 16694/24).

Iż-żamma tal-istruttura attwali tal-PAK u l-iżgurar li tiġi ffinanzjata kif xieraq

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet irrimarkaw li l-Viżjoni ma indirizzatx il-kwistjoni tal-finanzjament tal-PAK. Fl-istess ħin, huma indikaw li baġit adegwat u separat għal din il-politika kien importanti ħafna sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Viżjoni u l-agricoltura. Ġie enfasizzat li l-finanzjament tal-PAK għandu jkompli jkun ibbażat fuq żewġ pilastri u ħafna delegazzjonijiet indikaw il-ħtieġa li jissaħħaħ il-finanzjament tal-Pilastru II tal-PAK. Min-naħa l-oħra, kien hemm min indika li d-diskussjoni dwar il-Viżjoni ma għandhiex tippreġudika d-diskussjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), li ser issir fil-forum xieraq.

Il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-PAK

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza li l-PAK tiġi ssimplifikata f'diversi oqsma relatati mal-objettivi tal-Viżjoni. Saret talba għal simplifikazzjoni fil-każ ta' pagament dirett, kemm f'termini ta' rekwiżiti u kontrolli, kif ukoll f'termini ta' arranġamenti biex jiġu appoġġati l-bdiewa żgħażaġħ.

PAK imfassla apposta

Id-delegazzjonijiet irrimarkaw li mhuwiex adatt li jiġu applikati soluzzjonijiet uniformi fir-reġjuni u l-pajjiżi kollha, u enfasizzaw l-importanza tal-ispeċifikitajiet reġjonali u approċċ territorjali. Fl-istess ħin, ġiet enfasizzata l-ħtieġa għal applikazzjoni integrata tal-istrumenti differenti tal-PAK.

– L-ewwel objettiv tal-Viżjoni

Id-diversifikazzjoni mistennija ssaħħaħ l-introjtu agrikolu

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet qablu dwar il-ħtieġa li s-sorsi tal-introjtu tal-bdiewa jiġu diversifikati: permezz tal-iżvilupp tal-bijoeconomija, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew il-kultivazzjoni karbonika. Madankollu, ġie enfasizzat li dawn l-attivitajiet għandhom ikunu komplementari għall-introjtu agrikolu u ma għandhomx jillimitaw id-disponibbiltà tal-art għall-produzzjoni tal-ikel. Ħafna delegazzjonijiet indikaw li kien importanti li jkunu jafu d-dettalji ta' soluzzjonijiet bħall-krediti tan-natura u xi tkun il-possibbiltà li jiġu applikati dawn is-soluzzjonijiet għal azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju.

Il-pagamenti diretti jitkomplew u jiġu mmirati aħjar

Id-delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza tal-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni tal-pagamenti diretti għall-introjtu tal-bdiewa. Huma semmew il-ħtieġa li jiżdied l-immirar tal-pagamenti diretti billi jiġu appoġġati l-bdiewa żgħażaġh u ġodda, u dan biex jitqiesu aktar il-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju. Fl-istess ħin, ġiet enfasizzata l-ħtieġa li jinżamm l-appoġġ għal żoni b'restrizzjonijiet naturali. Il-ħtieġa li s-sistema ta' pagament tiġi adattata aħjar għall-kundizzjonijiet fl-Istat Membru u s-sussidjarjetà fl-applikazzjoni tal-elementi differenti tas-sistema ssemmev ukoll.

Xi delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li titlesta l-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti, mill-perspettiva tal-ekwità u l-bilanċ fl-UE, iżda delegazzjonijiet oħra indikaw il-ħtieġa li jittieħed kont tad-divrenzjar tal-ispejjeż tal-produzzjoni u l-introjtu agrikolu.

Il-ħtieġa li jittejjeb it-tiġdid ġenerazzjonali

L-appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, kif ukoll il-ħtieġa li titwaqqaf id-depopolazzjoni fiż-żoni rurali, anke f'termini tas-sigurtà taż-żoni tal-fruntiera, ġew appoġġati mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet. F'dan il-kuntest, id-delegazzjonijiet semmew l-importanza li jiġu żgurati l-attrawenza u l-kompetittività tal-agrikoltura u l-vitalità taż-żoni rurali. Il-miżuri biex jittejjeb l-aċċess għall-kapital u għall-art ġew ikkwotati bħala kruċjali għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura.

Iż-żamma ta' komponent ta' investment b'saħtu fi ħdan il-PAK

Ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li jinżamm komponent ta' investment b'saħtu fi ħdan il-PAK. L-importanza ta' Pilastru II tal-PAK ifffinanzjat kif xieraq ġiet enfasizzata f'dan il-kuntest. Id-delegazzjonijiet irrimarkaw li arranġamenti addizzjonali, eż. dawk marbuta mal-appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), ma jissostitwixxux il-finanzjament tal-PAK. It-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali, it-tnaqqis tal-impatt tal-agrikoltura fuq il-klima u l-ambjent, it-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji u innovazzjonijiet ġodda, u l-kondiviżjoni tal-għarfien ġew identifikati bħala oqsma li jeħtieġu appoġġ għall-investment, irrispettivament mis-sors ta' finanzjament.

L-iżguraw ta' prezzijiet ġusti għall-prodotti agrikoli

Fid-diskussjoni, id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet li jiżguraw kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust fil-katina tal-provvista, inkluż il-limitazzjoni tal-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt il-kost tal-produzzjoni.

– It-tieni objettiv tal-Viżjoni

It-tisħiħ tal-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura

Id-delegazzjonijiet qablu li jeħtieġ li jissaħħu l-kompetittività tal-agrikoltura u s-sostenibbiltà tagħha. Huma enfasizzaw fl-istess ħin li kien essenzjali li l-agrikoltura tilħaq l-objettivi ekonomiċi tagħha u li kull waħda mit-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kienet importanti. Huma enfasizzaw il-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn il-kompetittività tas-settur u l-miżuri biex jitnaqqas l-impatt ambjentali u klimatiku tiegħu. Id-delegazzjonijiet ikkwalikaw azzjonijiet biex tiżdied id-disponibbiltà ta' teknoloġiji u innovazzjonijiet ġodda għall-bdiewa bħala rilevanti ħafna, li bihom jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-għarfien, anke permezz ta' taħriġ u pariri, u tiżdied l-importanza tar-riċerka.

Ir-rwol strateġiku tat-trobbija tal-bhejjem fl-agrikoltura

Id-delegati enfasizzaw ir-rwol strateġiku tas-settur tat-trobbija tal-bhejjem. Id-diversità tal-mudelli tat-trobbija tal-bhejjem teħtieġ għodod biex l-appoġġ jiġi adattat għal mudelli ta' produzzjoni individwali, biex ikun hemm bidla lejn produzzjoni sostenibbli u biex ikun hemm rispons għall-isfidi differenti. L-appoġġ għandu jinkludi pagamenti diretti, inkluż pagamenti akkoppjati, u pagamenti għal żoni b'restrizzjonijiet naturali, kif ukoll appoġġ għall-investment. Ġie enfasizzat ir-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni, speċjalment fil-ġenetika tal-annimali u ż-żooteknika.

It-titjib tar-reżiljenza agrikola

Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-agrikoltura, inkluż għal sfidi bħal mard tal-annimali u avvenimenti ta' temp estrem, li jeħtieġu għodod ta' adattament xierqa, ġestjoni tar-riskju u strumenti ta' kriżi. Ir-rwol importanti tar-riżerva għall-agrikoltura ġie enfasizzat f'dan il-kuntest. L-agrikoltura teħtieġ stabbiltà u prevedibbiltà tal-produzzjoni.

Klawżoli mera fil-kummerċ internazzjonali

Ġiet enfasizzata l-ħtieġa li jkun hemm allinjament aktar b'saħħtu tal-prodotti importati mal-istandards tal-produzzjoni tal-UE u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa tal-UE. Madankollu, xi Stati Membri huma kontra klawżoli mera u semmew konsegwenzi negattivi potenzjali għall-esportazzjonijiet tal-UE.

Strateġiji ġodda fil-livell Ewropew

Id-delegazzjonijiet esprimew appoġġ għal proposti biex jiġu żviluppati għadd ta' strateġiji Ewropej, u kienu partikolarment pożittivi dwar: (a) it-tiġdid ġenerazzjonali, (b) ir-reżiljenza tal-ilma, (c) il-proteini u (d) l-istrateġiji tas-settur tal-bhejjem.

– It-tielet objettiv tal-Viżjoni

Valutazzjoni komparattiva volontarja fl-isforzi ta' sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-iżvilupp ta' sistema ta' valutazzjoni komparattiva għall-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli. Sistema bħal din għandha tkun sempliċi u trasparenti, ma żżidx il-piż fuq il-bdiewa u l-amministrazzjonijiet, u tkun ibbażata fuq data affidabbli u komparabbli. Is-sistema għandu jkollha valur ta' inċentiv, ma żżidx ir-rekwiżiti u ma tirrestrinġix l-aċċess tal-bdiewa għas-suq. Is-sistema għandha tiġi żviluppata f'kooperazzjoni mal-bdiewa, tqis id-diversità wiesgħa tal-agrikoltura fl-UE u tibni fuq l-esperjenza ta' sistemi bħal dawn f'xi Stati Membri. Is-sistema għandha tagħti lill-bdiewa l-opportunità li jaqsmu prattiki tajbin u jitgħallmu mill-eżempju ta' azjendi agrikoli oħra. Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar il-possibbiltà li tiġi armonizzata s-sistema ta' valutazzjoni komparattiva fil-livell tal-UE, minħabba d-diversità tas-sistemi ta' produzzjoni, u ddubitaw ir-rakkomandabbiltà ta' sistema bħal din.

Implimentazzjoni ta' azzjoni klimatika u ambjentali bbażata fuq l-inċentivi

Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa għal inċentivi xierqa għall-bdiewa biex jimplimentaw azzjonijiet ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent li jipprovdu servizzi tal-ekosistema. Ġie indikat ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-użu ta' fondi tas-settur privat. Il-ħtieġa għal bilanċ bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti ġiet enfasizzata fil-kuntest ta' miżuri li jikkonċernaw il-ġestjoni tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija.

Il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija għar-reżiljenza tal-ilma

Id-delegazzjonijiet enfasizzaw li l-ilma għandu jkun prijorità fil-kuntest tal-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel. Huma laqgħu t-tħabbira li l-Kummissjoni ser tabbozza strateġija għar-reżiljenza tal-ilma biex tiżviluppa azzjonijiet ġodda adattati għall-isfidi, inkluż it-tisħiħ tal-kompetittività tal-azjendi agrikoli.

Kontinwazzjoni tal-istrumenti eżistenti tal-PAK għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija

Id-delegazzjonijiet enfasizzaw li l-PAK diġà kellha għadd ta' strumenti li jiffavorixxu l-ġestjoni tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija: l-istandards tal-KAAT, il-miżuri agroambjentali klimatiċi, l-ekoskemi, u l-appoġġ għall-art bil-ħaxix permanenti. Semmew kemm l-istrumenti tal-Pilastru II tal-PAK jaqdu rwol importanti fil-finanzjament tal-miżuri għal ħamrija b'saħħitha, ir-reżiljenza tal-ilma u t-tnaqqis ta' prattiki ta' agrikoltura intensiva. Intqal ukoll li l-PAK futura għandha żżomm dan l-ambitu wiesa' ta' miżuri.

Ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-ħamrija

Id-delegazzjonijiet tkellmu dwar ir-rwol ewlieni tas-soluzzjonijiet ċirkolari kemm fir-rigward tal-ħamrija kif ukoll tal-ilma. Issemmew soluzzjonijiet għaċ-ċiklu tal-materja organika, l-użu tal-ilma tax-xita, l-investiment f'sistemi sostenibbli għall-ġbir tal-ilma, l-użu tal-ilma mill-ġdid, l-irrigazzjoni u l-konservazzjoni. Ġiet enfasizzata l-importanza tal-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u l-prattika, ir-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-pariri biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet fil-livell tal-azjendi agrikoli.

– Ir-raba' objettiv tal-Viżjoni

It-tisħiħ tal-komplementarjetajiet u s-sinerġiji bejn il-politiki li jappoġġaw l-iżvilupp rurali

Id-delegazzjonijiet appellaw għaż-żamma tal-istruttura b'żewġ pilastru tal-PAK, b'appoġġ għall-iżvilupp rurali fil-Pilastru II. Fl-istess ħin, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet innotaw li l-PAK ma għandhiex tkun l-uniku strument għal dan l-appoġġ u li kien meħtieġ ukoll li jinżamm il-finanzjament għaż-żoni rurali minn politiki oħra, fost l-oħrajn, il-politika ta' koeżjoni. Il-komplementarjetà u s-sinerġija tal-appoġġ minn sorsi u strumenti differenti għall-iżvilupp rurali għandhom jiffukaw fuq: l-infrastruttura teknika u soċjali, l-appoġġ għall-intraprenditorija (speċjalment ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju), it-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċessibilità għas-servizzi bażiċi. Xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jsir investiment fir-reżiljenza rurali, anke minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika u l-isfidi tas-sigurtà territorjali.

Il-verifika rurali bħala strument li jappoġġa l-komplementarjetà tal-politiki tal-iżvilupp rurali

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet semmew l-użu tal-verifika rurali f'livelli differenti bħala soluzzjoni sistemika importanti biex jitrawmu l-komplementarjetà u s-sinerġija bejn l-istrumenti differenti tal-appoġġ rurali. Fl-istess ħin sar appell biex din ma tikkostitwix piż amministrattiv addizzjonali. L-Anness 2 fih ir-rakkomandazzjonijiet usa' dwar il-verifika rurali magħmula mill-Istati Membri fid-diskussjonijiet separati mibdija mill-Presidenza qabel il-preżentazzjoni tal-Viżjoni.

LEADER għall-iżvilupp rurali

Id-delegazzjonijiet semmew lill-programm LEADER bħala strument tajjeb ħafna, u li għandu jibqa' hekk, għall-appoġġ tal-attivazzjoni tal-komunitajiet lokali u għall-appoġġ ta' inizzjattivi ta' żvilupp minn isfel għal fuq f'żoni rurali.

– L-objettiv orizzontali tal-Viżjoni

L-iżgurar ta' infrastruttura adegwata għall-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali

Id-delegazzjonijiet ikkwalifikaw l-aċċessibbiltà diġitali u l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, inkluż il-broadband u l-5G, bħala prerekwiżiti importanti ħafna għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali. Dawn jeħtieġu finanzjament minn diversi sorsi u ħafna drabi impenn ta' riżorsi pubbliċi. Xi delegazzjonijiet saħqu fuq l-importanza tal-aċċessibbiltà diġitali bħala bażi għall-iżvilupp ġenerali tal-ekonomija rurali. Id-diġitalizzazzjoni ssemmiet ukoll bħala fattur importanti fil-promozzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali.

Il-finanzjament meħtieġ biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-innovazzjoni

Id-delegazzjonijiet semmew il-provvista ta' strumenti finanzjarji differenti u xierqa, fosthom is-self aċċessibbli u favorevoli, biex il-bdiewa jkunu jistgħu jqiegħdu l-innovazzjoni u soluzzjonijiet ġodda fil-prattika. Saret enfasi fuq il-ħtieġa li dawn is-soluzzjonijiet ikunu mfassla għall-ispeċifità tal-agrikoltura u għall-bżonnijiet tal-SMEs li joperaw fis-settur u fiż-żoni rurali.

Appoġġ essenzjali għall-pariri u t-taħriġ

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet semmew l-aċċess mifrux u faċli għat-taħriġ u s-servizzi ta' konsulenza bħala fattur ewlieni għall-kisba ta' ħafna mill-elementi u l-oġġettivi tal-Viżjoni, sabiex il-bdiewa, kemm il-ġodda kif ukoll dawg b'esperjenza, kif ukoll l-abitanti taż-żoni rurali, jkunu jistgħu jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi t-tajba. Sar aċċenn għal sistema adegwata ta' konsulenza f'dan il-kuntest.

Il-programm ta' taħriġ għandu jkopri elementi li jiffaċilitaw l-immaniġġar tal-azjendi agrikoli, l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda (pereżempju ż-żriġħ mingħajr ħrit, il-biedja riġenerattiva, il-biedja ta' preċiżjoni u dik intelliġenti fil-livell ta' klima, tekniki ġodda għall-irrigazzjoni, l-użu ta' teknoloġiji diġitali), u l-intraprenditorija, teknoloġiji moderni fis-settur agroalimentari, u l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' negozji rurali.

Issemmiet ukoll il-ħtieġa li jinħolqu u jiġu żviluppati sistemi għall-iskambju ta' għarfien, qsim ta' esperjenzi, soluzzjonijiet ġodda u prattiki tajba, fosthom l-użu ta' ċentri, kollaborazzjoni diġitali u pjattaformi ta' komunikazzjoni.

Ir-riċerka u l-iżvilupp - element ewlieni tal-istrateġija tal-UE dwar l-agrikoltura u l-ikel

Id-delegazzjonijiet enfasizzaw li r-riċerka u l-innovazzjoni, iffinanzjati minn varjetà ta' sorsi, fosthom il-programmi ta' riċerka Ewropej, għandhom jaqdu rwol importanti biex jinkisbu l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-Viżjoni. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw li r-riċerka kienet kruċjali għall-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur agroalimentari Ewropew, għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tas-settur (inkluż il-produzzjoni tal-bhejġem), għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni ta' inputs ewlenin bħall-proteini tal-għalf u l-fertilizzanti. Saret enfasi wkoll fuq l-importanza tar-riċerka dwar varjetajiet ta' pjanti reżistenti (inkluż it-tekniki ġenomiċi ġodda) u l-ġenetika tal-annimali. Ġiet enfasizzata wkoll l-importanza tal-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u l-prattika, inkluż l-appoġġ għas-Šhubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs).

Il-mistoqsijiet tal-Presidenza biex jiggwidaw id-diskussjoni dwar il-Viżjoni u l-objettivi tagħha

L-ewwel objettiv

- Il-Viżjoni tirreferi għall-ħtieġa li l-bdiewa jagħmlu dħul minn diversi sorsi tas-suq, fosthom sorsi ta' introjtu komplementari ġodda. Taħsbu li dan jista' jinkiseb u, jekk iva, x'inhu l-aħjar mod biex jintlaħaq dan l-objettiv, meta jitqiesu l-isfidi tas-suq, dawk klimatiċi u dawk strutturali?
- Kif jista' l-appoġġ aktar immirat lejn il-bdiewa li huma involuti attivament fil-produzzjoni tal-ikel, kif tippromwovi l-Viżjoni, jiġi rikonċiljat mal-premessa li l-appoġġ jiġi dirett lejn il-bdiewa li jeħtiġuh l-aktar, b'kont meħud tal-objettiv ta' PAK simplifikata?
- Taraw lok u strumenti għal aktar involviment tal-PAK fit-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura? Jekk iva, jekk jogħġobkom aġtu eżempji.
- Il-Viżjoni tipprevedi t-tfassil ta' aġenda ambizzjuża ta' investiment. X'elementi ġodda taħsbu li għandhom jidhru f'din l-aġenda u liema elementi eżistenti jistgħu jintużaw b'mod aktar intelliġenti fil-futur?

It-tieni objettiv

- Tqisu li l-pjanijiet tal-Kummissjoni deskritti fil-Viżjoni huma biżżejjed biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-agrikoltura Ewropea? Jekk le, x'azzjonijiet oħra tissuġġerixxu?
- Waqt li s-settur tat-trobbija tal-bhejjem tal-UE huwa magħruf li għandu rwol ekonomiku importanti fl-agrikoltura tal-UE u fl-istess ħin iħalli impatt pożittiv fuq, pereżempju, iż-żamma tal-bijodiversità u jipprovdi sors naturali ta' fertilizzanti, iħalli wkoll impatt negattiv fuq l-ambjent u l-klima. Kif jistgħu l-istrumenti tal-PAK inaqqsu dan l-impatt negattiv fuq is-settur tat-trobbija tal-bhejjem, filwaqt li jżommu l-kompetittività tal-produzzjoni u standards għolja tal-UE f'dan is-settur sensitiv?
- Is-settur agrikolu tal-UE jiddependi fuq l-importazzjoni ta' inputs ewlenin bħall-fertilizzanti, il-proteini u l-enerġija. X'azzjonijiet taħsbu li huma meħtieġa biex titnaqqas dik id-dipendenza, b'mod li jinħolqu wkoll opportunitajiet ġodda għas-settur agrikolu?

It-tielet objettiv

- X'tifhmu b'sistema volontarja ta' valutazzjoni komparattiva għall-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà fl-azjendi agrikoli? Għandkom xi esperjenzi nazzjonali u eżempji ta' prattika tajba li tistgħu taqsmu mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni?
- Kif nistgħu ninkoraġġixxu aktar azzjoni fil-promozzjoni tar-reżiljenza tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija?

Ir-raba' objettiv

- Kif jistgħu jintużaw is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet fost il-politiki differenti biex jissaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-vitalità taż-żoni rurali? Tistgħu taqsmu xi eżempji tajba ta' kif il-koordinazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament kienu ta' għid għaż-żoni rurali fl-istat membru taġħkom?

Objettiv orizzontali

- X'azzjoni ta' prijorità tista' tiegħu l-Kummissjoni, minbarra l-miżuri pprovduti mill-PAK, biex toħloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u teknoloġiji ġodda fl-ikel u l-agrikoltura, u biex tipprovdi lill-bdiewa bl-aktar aċċess wiesa' possibbli għalihom?
- X'kundizzjonijiet abilitanti u strumenti ta' appoġġ huma meħtieġa biex titħaffef it-tranżizzjoni diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali?

Rakkomandazzjonijiet dwar il-verifika rurali

Fid-diskussjonijiet li saru fil-laqgħa tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura tat-3 ta' Frar 2025 u fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-24 ta' Frar 2025, l-Istati Membri appoġġaw użu usa' tal-verifika rurali fil-programmazzjoni tal-fondi u l-politiki tal-UE wara l-2027. Huma nnutaw fl-istess ħin li dan m'għandux jinvolvi piżijiet amministrattivi addizzjonali. L-implimentazzjoni tal-verifika rurali mid-Direttorati Ġenerali kollha tal-Kummissjoni Ewropea mistennija twassal għal aktar komplementarjetà u sinerġija bejn l-istrumenti differenti ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali.

Il-Presidenza tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet ewlenin espressi mid-delegazzjonijiet għall-Kummissjoni tal-UE dwar l-applikazzjoni tal-verifika rurali fil-qafas tal-politiki u l-fondi tal-UE għal wara l-2027.

- 1) Jaqbel li l-verifika rurali tiġi applikata għall-politiki u l-fondi kollha tal-UE wara l-2027 sabiex tiġi żgurata l-kontribuzzjoni tagħhom għall-iżvilupp rurali sostenibbli u l-koerenza u l-komplementarjetà tagħhom mal-istrumenti tal-Politika Agrikola Komuni.
- 2) Tajjeb li jkun hemm aktar kooperazzjoni u involviment tad-Direttorati Ġenerali l-oħra (mhux biss id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali) fil-programmazzjoni u l-finanzjament tal-iżvilupp rurali wara l-2027.
- 3) Il-fondi u l-politiki tal-UE (inkluż il-politika ta' koeżjoni) wara l-2027 jeħtieġ li jiġu kkoordinati aħjar sabiex il-ħtiġijiet tal-iżvilupp rurali jiġu indirizzati kif xieraq.
- 4) L-għodod u l-aċċess għal data ta' kwalità għolja għall-monitoraġġ tal-impatt tal-fondi u l-politiki tal-UE fuq l-iżvilupp rurali abbażi ta' sett komuni ta' indikaturi għandhom jiġu żviluppati aktar. Huwa rakkomandabbli li jissaħħu l-analiżi u r-riċerka dwar l-impatt tal-politiki fuq l-iżvilupp rurali u li l-Kummissjoni tistabbilixxi network ta' Osservatorji Rurali madwar l-UE.

- 5) Bħala parti mill-verifika rurali, il-Kummissjoni għandha tkompli tivvaluta l-impatt u l-effetti tal-abbozz ta' leġislazzjoni tal-UE dwar l-iżvilupp rurali u tirrieżamina regolarment il-politiki tal-UE għall-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp rurali. Dan ma għandux jitnaqqas għal valutazzjonijiet ex ante biss. L-analiżijiet tas-soluzzjonijiet legali żviluppati mill-Kummissjoni għandhom jinkludu wkoll evalwazzjonijiet ex post.
- 6) Il-verifika rurali għandha tkun mekkaniżmu volontarju fil-livell tal-pajjiż u t-tixrid tagħha ma jridx jimponi piżijiet amministrattivi addizzjonali mill-Kummissjoni fuq l-Istati Membri.
- 7) L-iżvilupp rurali għandu jkun prijorità għall-politiki kollha previsti mill-Kummissjoni għal wara l-2027, b'kont meħud tal-ħtiġijiet differenti taż-żoni rurali fl-Istati Membri.
- 8) Bħala parti mill-verifika rurali, il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati tal-politiki u l-fondi tal-UE sabiex tkun tista' tikseb ir-reazzjoni tal-komunitajiet rurali lokali.
